

31999L0043

L 166/87

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.7.1999

**ID-DIRETTIVA 1999/43/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-25 ta' Mejju 1999**

illi temenda għas-17-il darba d-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 251 ta-Trattat ⁽³⁾,

(1) Billi l-miżuri neċessarji għandhom jiġu adottati għall-operazzjoni mingħajr xkiel tas-suq intern;

(2) Billi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw fid-29 ta' Marzu 1996 id-Deċiżjoni Numru 646/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tad-29 ta' Marzu 1996 li tadotta pjan ta' azzjoni biex jiġi kumbattut il-kanċer fil-kwadru għal azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (1996 to 2000) ⁽⁴⁾;

(3) Billi sabiex titjeb il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumatur, sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni u l-preparazzjonijiet li jikkontjenuhom m'għandhomx jit-qiegħdu fis-suq sabiex jintużaw mill-pubbliku in ġenerali;

(4) Billi d-Direttiva 94/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1994 illi temenda għall-14-il darba id-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽⁵⁾ tistablixxi, fil-forma ta' Appendiċi li jikkonċerna l-punti 29, 30 u 31 ta' Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE ⁽⁶⁾, lista li fiha sustanzi

klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2; billi dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet m' għandhomx jit-qiegħdu fis-suq għal użu mill-pubbliku in ġenerali;

(5) Billi d-Direttiva 94/60/KE tipprovdi illi l-Kummissjoni tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta sabiex din il-lista tiġi estiża sa mhux iktar minn sitt xhur wara pubblikazzjoni ta' adattament għall-progress tekniku ta' Anness I mad-Direttiva 67/548/KEE ⁽⁷⁾ li jikkontjeni sustanzi kklassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2;

(6) Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 96/54/KE ⁽⁸⁾ li tadatta għat-22 darba d-Direttiva 67/548/KEE, u partikolarment l-Anness I ta' magħha, għall-progress tekniku, tikkontjeni 16 il-sustanza kklassifikati ġodda bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2; billi dawn is-sustanzi għandhom jiġdiedu mal-punti 29, 30 u 31 ta' l-Appendiċi ma' Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE, kif konsolidat bid-Direttiva 97/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾ li temenda d-Direttiva 76/769/KEE għas-16-il darba;

(7) Billi r-riskji u l-vantaġġi tas-sustanzi kklassifikati ġodda, bid-Direttiva 96/54/KE, bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2 ġew kundsidrati;

(8) Billi Artikolu 1(1)(f) tad-Direttiva 96/54/KE tħassar tmien iskrizzjonijiet minn Anness I mad-Direttiva 67/548/KEE ladarba s-sustanzi taħt dawn l-iskrizzjonijiet huma diġà koperti b' iskrizzjonijiet oħra jew il-klassifikazzjoni tagħhom bħala karċinoġeniċi ġiet irtirata; billi ħamsa minn dawn is-sustanzi huma inklużi fl-Appendiċi għall-punt 29 ta' Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE; billi dawn l-iskrizzjonijiet għandhom ukoll jitħassru fid-Direttiva ta' l-aħħar;

⁽¹⁾ ĠU Ċ 59, tal-25.2.1998, p. 5.

⁽²⁾ ĠU Ċ 214, ta' l-10.7.1998, p. 73.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Frar 1998 (ĠU Ċ 80, tas-16.3.1998, p. 91), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 1998 (ĠU Ċ 18, tat-22.1.1999, p. 43) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Frar 1999 (ĠU Ċ 150, tat-28.5.1999) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Mejju 1999.

⁽⁴⁾ ĠU L 95, tas-16.4.1996, p. 9.

⁽⁵⁾ ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 1.

⁽⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li irrelataw għall-klassifika, l-ippakkjar u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi (ĠU Ċ 196, tas-16.8.1967, p. 1). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/69/KE (ĠU L 343.tat-13.12.1997. p.19)

⁽⁷⁾ ĠU L 262.tas-27.9.1976.p.201. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/64/KE (ĠU L 315.tad-19.11.1997. p.13)

⁽⁸⁾ ĠU L 248, tat-30.9.1996, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU L 333, ta' l-4.12.1997, p. 1.

- (9) Billi din id-Direttiva tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi ħtiġiet minimi għall-protezzjoni ta' ħaddiema kontenuta fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jiġi nkoraġġit titjib fis-sigurtá u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ⁽¹⁾, u d-direttivi individwali bbażati fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal karċinoġeniċi fuq ix-xogħol (is-sitt Direttiva individwali fis-sens ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ⁽²⁾.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Is-sustanzi elenkati f'Anness I ma' din id-Direttiva għandhom jiżdiedu ma' dawk is-sustanzi elenkati fl-Appendiċi li jikkonċerna il-punti 29, 30 u 31 ta' Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE.

Artikolu 2

Is-sustanzi elenkati f'Anness II ma' din id-Direttiva għandhom jiħassru minn dawk is-sustanzi elenkati fl-Appendiċi mal-punt 29 ta' Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Mejju 1999.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. M. GIL-ROBLES

Għall-Kunsill

Il-President

H. EICHEL

ANNEX I

Il-Punt 29 – Karċinoġeni: il-kategorija 2

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru tal-KE	Numru tal-CAS	Noti
Dikromat tal-potassju	024-002-00-6	231-906-6	7778-50-9	
Dikromat ta' l-ammonju	024-003-00-1	232-143-1	7789-09-5	
Dikromat tas-sodju	024-004-00-7	234-190-3	10588-01-9	
Sodjudikromat, deidrat	024-004-01-4	234-190-3	7789-12-0	
Chromyl dichloride; chromic oxychloride	024-005-00-2	239-056-8	14977-61-8	
Kromat tal-potassju	024-006-00-8	232-140-5	7789-00-6	
Komposti tal-Kromju (VI), bl-eċċezzjoni tal-kromat tal-barju u ta' komposti speċifikati band'oħra f'Annex I mad-Direttiva 67/548/KEE	024-017-00-8	—	—	
Bromoethylene	602-024-00-2	209-800-6	593-60-2	
5-Allyl-1, 3-benzodioxole; safrole	605-020-00-9	202-345-4	94-59-7	
Benzidine ibbażat fuq żebgħat azo; 4,4'-diarylazobiphenyls, bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikati band'oħra f'Annex I mad-Direttiva 67/548/KEE	611-024-00-1	—	—	
Disodium 4-amino 3-[[4'-[(2,4-diaminophenyl)azo][1,1'-biphenyl]-4-yl]azo]-5-hydroxy-6-(phenylazo)naphthalene-2,7-disulphonate; C.I. Direct Black 38	611-025-00-7	217-710-3	1937-37-7	
Tetrasodium 3,3'-[[[1,1'-biphenyl]-4,4'-dylbis(azo)]bis[5-amino-4-hydroxynaphthalene-2,7-disulphonate]; C.I. Direct Blue 6	611-026-00-2	220-012-1	2602-46-2	
Disodium 3,3'-[[[1,1'-biphenyl]-4,4'-dylbis(azo)]bis[4-aminonaphthalene-1-sulphonate]; C.I. Direct red 28	611-027-00-8	209-358-4	573-58-0	
Toluene-2,4-diammonium sulphate	612-126-00-9	265-697-8	65321-67-7	

Il-Punt 30 — Mutaġeni: il-kategorija 2

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Dikromat tal-potassju	024-002-00-6	231-906-6	7778-50-9	
Dikromat ta' l-ammonju	024-003-00-1	232-143-1	7789-09-5	
Dikromat tas-sodju	024-004-00-7	234-190-3	10588-01-9	
Sodjukromat deidrat	024-004-01-4	234-190-3	7789-12-0	

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Chromyl dichloride; chromic oxychloride	024-005-00-2	239-056-8	14977-61-8	
Kromat tal-potassju	024-006-00-8	232-140-5	7789-00-6	
1,3,5,-tris(oxiranylmethyl)-1,3,5-triazine-2,4,6(1H,3H,5H)-trione; TGIC	615-021-00-6	219-514-3	2451-62-9	

Il-Punt 31 Tossiku għar-riproduzzjonji: il-kategorija 1

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
1,2-Dibromo-3-chloropropane	602-021-00-6	202-479-3	96-12-8	

Il-Punt 31 – Tossiku għar-riproduzzjonji: il-kategorija 2

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Bis(2-Methoxyethyl) phthalate	607-228-00-5	204-212-6	117-82-8	

ANNEX II

Sustanzi	Numru ta' l-Indiċi	Numru KE	Numru CAS	Noti
Idrokarboni aromatiċi, C8-10; Żejt ħafif ridistillat. Ibaqbaq f'temperatura għolja	648-011-00-5	292-695-4	90989-39-2	J
Qatran, faħam-kannella; Żejt karboliku. (Żejt distillat minn qatran tal-faħam kannella. Kompost primarjament minn idrokarbuni aromatiċi alifatiċi, nafteniċi u <i>one- to three-ring</i> , id-derivati tagħhom ta' l-alkyl, eteroaromatiċi u fenoli <i>one- to two-ring</i> , li jbaqbaq fil-livell ta' madwar 150 °C u 360 °C (302 °f sa 680 °f)).	648-025-00-1	309-885-0	101316-83-0	J
Coke (qatran tal-faħam), <i>pitch</i> ta' temperatura għolja	648-157-00-X		140203-12-9	
Coke (qatran tal-faħam), <i>pitch</i> imħallat ta' temperatura għolja tal-faħam	648-158-00-5		140203-13-0	
Coke (qatran tal-faħam) temperatura baxxa, <i>pitch</i> ta' temperatura għolja	648-159-00-0		140413-61-2	